MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 418/2007

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-8 ta' April, 1984 (Dok. A).;

2. Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

4. Illi l-kunsens tal-esponent inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

5. Illi l-konvenuta, ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b’ mohhha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex iz-zwieg ezistenti bejn il-mizzewgin jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Ghaldaqstant l-esponent, ghar-ragunijiet premessi jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet kif fuq riferit huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi hija taqbel mat-talba tar-rikorrent fejn dan jitlob li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla ebda effett skond il-ligi;

2. Illi madankollu hi, filwaqt li tikkonferma l-ewwel premessa li z-zwieg tal-partijiet gie kkontrattat fit-8 ta’ April 1984, tikkontesta t-tieni premessa li l-kunsens ta’ l-esponent inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi filwaqt li tirriserva li waqt it-trattazzjoni tal-kawza tispjega b’ mod akkurat il-posizzjoni taghha, hi tikkonferma t-tielet, ir-raba’ u l-hames premessa relattivi

ghal difett fid-diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, ghall-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u ghall-fatt li hi ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Ghaldaqstant l-intimata, fid-dawl tas-suespost, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrent u l-intimata huwa null u bla effett skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-8 ta' April 1984 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafi [d][h] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta taqbel li z-zwieg huwa null fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h], izda mhux fit-termini tal-paragrafu [c].

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' April 1984 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 22 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin.  Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal. Wara konvivenza pjuttost twila l-partijiet isseparaw de facto.

Illi l-attur jispjega li sena wara z-zwieg huwa nduna li l-konvenuta kellha relazzjoni extra matrimonjali; u din

eventwalment ammettiet li kienet marret ma' diversi rgiel. Sussegwentement bl-intervent ta' Fr.Louis Camilleri l-partijiet komplew bil-konvivenza matrimonjali ghal certu zmien, u anke kellhom tifla. Izda, wara, is-sitwazzjoni kompliet taggrava ruhha. Huwa jgid li "Jien kont nahseb li ser nirrangaw forsi biex jigi t-tieni wild, imma aktar saret sfrattata."[1] u dahhlet f' relazzjonijiet extra matrimonjali ohra.

L-attur jghid li mill-bidunett ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu skarsi, bil-konvenuta turi riluttanza ghall-att taz-zwieg. Huwa jispjega li mill-ewwel xhur taz-zwieg hija kienet iccahdu minn dan l-att billi ssib diversi pretesti; u dan ghal "hafna drabi".[2] Dan kien il-fattur li kien gieghlu jissuspetta hazin f' martu fil-bidu tal-konvivenza matrimonjali.

Illi l-konvenuta minn naha taghha ma tichadx il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur, anzi tikkonfermaha. Hija tghid li meta zzewwget lill-attur hija ma kienitx thobbu u kienet accettat li tizzewwgu bil-fors minhabba pressjoni kbira da parti ta' missierha. Di fatti biex izzewwget hija, kontra qalbha, kellha tieqaf milli tkompli tistudja ghal teacher. Konsegwentement wara z-zwieg hija kienet irribellat u bdiet tohrog ma' rgiel ohra. Tghid: " jien.. nahlef b' gurament illi relazzjonijiet ma' rgiel kelli minn xi ghaxar [10] xhur wara li zzewwigt."[3]

Illi f' dan il-kaz hija ta' relevanza qawwi, stante li hija korroborattiva tal-komportament tal-konvenuta u tal-forma mentis taghha fiz-zmien taz-zwieg, ix-xhieda tar-Reverendu Fr. Louis Camilleri[4] li jokkupa l-kariga ta' People's Advisor fi hdan it-Tribunal Ekklezjastiku, u li kien serva ghal zmien twil bhala wiehed mid-dirigenti tal-Moviment ta' Kana. Dan ix-xhud qal li huwa kien jaf sewwa lill-familja tal-konvenuta peress li gej mill-istess lokalita'.

---

[1] Fol.55
[2] Fol.57
[3] Fol.83
[4] Aff. Fol.17 *et seq.*

Dan jispjega li l-percezzjoni tieghu hi li l-konvenuta kienet ghadha mmatura, u li din l-immaturita' "kienet evidenti mill-atteggjament taghha lejn iz-zwieg, in generali u in partikolari lejn id-dmirijiet taghha bhala mara mizzewwga, fir-rigward ta' zewgha, kif ukoll ta' binha…… l-impressjoni li hadt minn dawn iz-zewg interventi tieghu [mal-partijet] kienet li [il-konvenuta] ma kienitx thares lejn iz-zwieg bhala rabta permanenti …" jghid ukoll li "jien inhoss li [il-konvenuta] kienet abdikat mill-obbligi matrimonjali taghha billi l-atteggjament taghha lejn iz-zwieg kien wiehed utilitarju billi l-kuncett taghha taz-zwieg ma kienx ta' relazzjoni permanenti. Fi kliem iehor ma kienx jimpurtaha miz-zwieg taghha."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu u taghtihom affidament.

Illi mill-kwadru premess jirrizulta manifest il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenuta; u ghalhekk it-talba ta' l-attur hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' April 1984. L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------